Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Marzu,2001

Avviz Nru:636/99

Maltacom p.l.c.

Vs

Raymond Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hamsa u tmenin Lira Maltija u hames centezmi (Lm958.05) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru "tlieta tlieta sebgha disgha erbgha hamsa" (337945) skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta - l-antecausa tas-socjeta' attrici - bl-imghaxijiet mill-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez, kollox kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonsistu eskluzivament f'dawk il-provi illi pproducew biss l-atturi bil-konvenut la jipprezenta provi u lanqas jidher fl-ebda wahda mis-seduti hlief ghas-seduta finali tal-lum stess u l-provi prodotti mill-atturi, it-talba attrici tirrizulta ampjament. U l-Qorti ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma mitluba ta' disgha mija tmienja u hamsin lira u hames centezmi (Lm958.05c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet b'effett mill-4 ta' Mejju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg